VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012
Taqsima B

A.L. 23 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 213 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2011 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fit-tmiem tal-Ewwel Parti, l-istudenti li jiksbu 180 kredtu kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament iżda li jew jagħżlu li ma jkomplux il-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons.), jew wara li komplew, ma jispiċċawx il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Science (B.Sc.) ikklassifikat skont l-ordinament 13."

Iż-Żieda tal-ordinament 12 mal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 12 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali:

"12. Fi Programm ta' Kors għal Grad f'żewġ oqsma ta' studju prinċipali, l-istudenti li f'xi taqsima studju, ħlief għal taqsima studju obbligatorja li tkun iddikjarata bħala mhux kumpensabbli fi Programm ta' Studju, jeħlu b'marka ta' mhux anqas minn 35% fit-taqsima u li l-Marka Medja tas-Sena kurrenti fil-Programm ta' Studju għall-Qasam ta' Studju li għalih it-taqsima studju tkun assenjata tkun ta' mhux anqas minn 50%, jingħatalhom il-grad CP (Għadda b'kumpens) u jingħatalhom kredtu b'kumpens għat-taqsima u ma jkunux mitluba jerġgħu jiġu valutati."

5. L-ordinamenti 12 u 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 13 u 14.